MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru. 1247/2006

PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
ANTHONY GRECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Grech, ta’ 33 sena, iben Carmelo u Rosaria nee’ Saliba, imwieled Pieta’ fid-19 ta’ Gunju 1973, u residenti No 6, Alley 4, Pinto Street, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 357473(M), u akkuzat talli fix-xhur ta’ qabel it-3 ta’ Dicembru 2004, f’Hal Qormi u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe’ seba’ scanners tal-marka Mustek, li jiswew iktar minn mitt Lira Maltin (Lm100), izda inqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 8) u tal-imputat (a fol 5) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 4).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18)-il xahar.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li l-imputat huwa ‘a first offender’; il-koperazzjoni shiha li hu wera mal-Pulizija; il-fatt illi r-res furtiva giet ritornata lil sidha; u l-fatt illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha li kellu mal-kwerelant fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------